ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# Minuti tal-28 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

It-tmienja u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2012.

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija. Fl-assenza tac-*Chairperson* u tal-Viċi-*Chairperson*, is-Sur Joe Agius bħala l-aktar membru anzjan ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sur Joe Agius, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia. Ic-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Norman Clews kienu skużati.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-27 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia rrefera għall-korrispondenza bejn il-Kumitat Amministrattiv u Trasport Malta u ppropona li l-Kumitat jitlob lill-Trasport Malta biex tgħati żmien sa meta ser tkun qed tindirizzza dan l-ilment billi tieħu azzjoni konkreta u tirranġa l-entratura perikoluza ta' Triq l-Għakrux. Is-Sur Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li tintbgħat ittra f'dan ir-rigward lill-Trasport Malta.

Item 4 – Korrisponenza

Dwar il-kompetizzjoni li ser tittella mill-Kumitat Amministrattiv għat-tfal ta' bejn is-7 u t-12-il sena u li joqogħdu f'St Peter's, is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-avviz kien ser jidher fil-ħarġa tal-pubblikazzjoni Ċitta' Hompesch li kellha tiġi stampata u mqassma f'kull residenza fi żmien qasir.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri tal-Kumitat illi s-sejħa pubblika li kienet inħarġet għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Marzebb kienet ser tagħlaq fit-2 ta' Lulju 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri biex jekk hu possibli jkunu prezenti għal ftuħ tal-offerti.

Dwar ix-xogħol li l-Kumitat qabel li jsir ħdejn il-garaxxijiet ta' maġenb il-bandli is-Sur Bartolo qal li dan ix-xogħol issa kien tlesta.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia talab li jitneħħa skart li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel ma' Triq l-Għakrux li qed ikun ta' nkonvenjent kbir għar-residenti. Huwa talab ukoll li tkompli ssir pressjoni mal-Pulizija biex titneħħa dgħajsa mitluqa li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo qal li fi Triq il-Farfett tal-Fejġel hemm dgħajsa oħra li tħalliet mitluqa.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li jerġa jinqata l-qasab li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Agius u s-Sur Bartolo suġġeriexa li jitpoġġew żewġ qsari fuq il-*platform* tal-konkos li saret maġenb il-bandli biex ma jibqax jintefa skart f'dan il-post u tinzabar siġra li hemm maġenb dan il-post.

Is-Sur Bartolo talab li tinzebaħ mill-ġdid kaxxa safra li hemm quddiem garaxx fi Triq Dun Salv Sciberras kif tispiċċa Triq iz-Zabrella.

Is-Sur Bartolo semma wkoll il-ħtieġa li jinzebaħ mill-ġdid *stop sign* fi Triq il-Berebies ma' Triq il-Farfett tal-Fejġel kif ukoll marki oħra tat-traffiku li hemm fi Triq il-Berebies u l-akwati.

Is-Sur Agius fakkar dwar il-ħtieġa li ssir *build-out* tal-bankina fi Triq San Leonardu bil-għan li jiġi mrazzan is-sewqan eċċessiv li qed isir speċjalment fil-bidu tat-triq hekk kif is-sewwieqa jaqbzu l-liwja li hemm maġemb ir-*roundabout*.

Is-Sur Bartolo talab li jitneħħa terrapien li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Agius semma l-ħtieġa li jitneħħa arblu tal-injam li hemm mingħajr uzu wara l-*pitch* tal-boċċi fi Triq San Leonardu. Huwa talab ukoll li tingħalaq kamra mingħajr uzu li hemm fil-fortizza ta' San Leonardu.

Is-Sur Farrugia talab li tinkiteb ittra lill-Trasport Malta biex kif kien ġie mwiegħed mill-Gvern Ċentrali Triq Patri Feliċjan Grech tingħata t-tarmak.

Fl-aħħarnett is-Sur Farrugia talab li tintbgħat ittra lill-Ispettur Said Sarreo dwar diversi lmenti pendenti fosthom dwar vann li hemm mitluq fi Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-29 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 24 ta' Lulju 2012.

Joe Agius
Membru